- *donazzjoni trid issir b'att pubbliku*
- *donazzjonijiet ta' valur żgħir m'għandhomx bżonn ta' formalita`*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

## ILLUM, 29 ta' Settembru 2022

**Rikors Nru. 549/2020 GM**

**Joseph M. Brincat [K.I. 160439 (M)];**
**George Brincat [K.I. 341141 (M)];**
**Mary Bonello [K.I. 852748 (M)];**
**Nazzareno Brincat [K.I. 312250 (M);**
**Vincenza Sammut [K.I. 400851 (M)];**
**Gerald Brincat [K.I 697052 (M)];**
**Emanuel Brincat [K.I. 32055 (M)];**
**Angele Marie Brincat [K.I. 0561293 (M)];**
**Miriam Gauci [K.I. 207275 (M)];**
**Reuben Brincat [K.I. 531281 (M)];**
**Jonathan Brincat [K.I. 149487 (M)] u**
**Priscilla Brincat [K.I. 286885 (M)]**
**ilkoll fil-kapaċita' tagħhom t'eredi ta' Michael Brincat, li miet nhar is-17 ta' Jannar, 2015**

**vs**

**Norbert [K.I. 0098581 (M)] u**
**Elizabeth [K.I. 0058479 (M)], konjuġi Bajada**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Joseph M. Brincat et li permezz tiegħu wara li ppremettew illi :

**A. Dikjarazzjoni**

L-atturi huma l-eredi ta' Michael Brincat, ġuvni, li miet intestat nhar is-17 ta' Jannar, 2015 (ċertifikat tal-mewt anness u mmarkat bħala Dokument A1), u dan kif muri mid-dikjarazzjoni *causa mortis* tan-nutara Dr Nicolette Vella datata 13 ta' Jannar 2016, (hawn annessa mmarkata bħala dokument A);

Kif ser jirriżulta mit-trattazzjoni tal-kawża d-*decuius* Michael Brincat kien għamel self brevi manu fl-ammont ta' tmenin elf ewro (€80,000) lill-konvenuti jew min minnhom;

L-imsemmi self ta' tmenin elf ewro (€80,000) ġie misluf mid-*decuius* Michael Brincat lill-konvenut Norbert Bajada b'*cheque* datat l-10 ta' Ġunju, 2014, (liema kopja taċ-*cheque* hi hawn annessa u mmarkata bħala Dokument B), tramite l-kont bankarju numru 054-006374-050 li d-*decuius* kellu ma' HSBC Bank Malta plc;

Permezz ta' *Transaction Confirmation* ta' HSBC Bank Malta plc datata 10 ta' Ġunju, 2014, (hawn annessa u mmarkata bħala Dokument C) tal-*branch* tal-istess bank f'Ħal Qormi, huwa kkonfermat li l-benefiċċjarju huwa r-rikorrent (sic) Norbert Bajada u li fuq l-istess *Transaction Confirmation* jinsab annotat bil-kitba li t-tranżazzjoni saret sabiex inxtrat proprjeta' *"Purchase Property Signature Updated 054-006374-000"*, kif ser jiġI muri aħjar waqt il-mori tal-kawża;

**B. Raġuni tat-Talba**

i) Meta ftit wara l-mewt tad-*decuius* uħud mir-rikorrenti avviċinaw lir-rikorrent (sic) Norbert Bajada fil-garaxx tiegħu, dan verbalment ikkonferma li l-ammont ta' tmenin elf ewro (€80,000) kienu ngħataw lilu b'self mid-*decuius* Michael Brincat;

ii) Permezz ta' ittra ġudizzjarja (numru 2667/16) datata 9 t'Awwissu, 2016, (hawn annessa u mmarkata bħala Dokument D), liema ittra kienet notifikata lil Nobert Bajada nhar is-17 t'Awwissu, 2016, ittra ġudizzjarja (numru 3940/18) datata sitta (6) ta' Novembru 2018 (hawn annessa u mmarkata bħala Dokument E) liema ittra kienet

notifikata lill-konvenuti fit-tlieta (3) ta' Novembru 2018 u ittra legali datata tnax (12) ta' Marzu 2020 (hawn annessa u mmarkata bħala Dokument F), l-atturi talbu lill-intimati sabiex iħallsu lura s-self ta' €80,000;

iii) F'kull każ, u mingħajr preġudizzju għall-dispożizzjonjiet oħra tal-liġi li jirrigwardaw l-istitut tas-self, il-ħlas lura lir-rikorrenti tal-ammont ta' €80,000 bl-imgħax illum hu dovut a tenur tal-artikolu 1078(a) tal-Kap 16 tal-LiġIjiet ta' Malta;

iv) Minkejja li l-konvenuti ġew interpellati jirrifondu l-ammont ta' €80,000, huma baqgħu inadempjenti;

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-konvenuti *in solidum*, jew min minnhom, huma debituri versu r-rikorrenti qua eredi ta' Michael Brincat fl-ammont ta' tmenin elf ewro (€80,000) bl-imgħax legali mill-10 ta' Ġunju, 2014 rappreżentanti self *brevi manu* li sar mid-defunt Michael Brincat lill-konvenuti, kif premess; u

2. Tordna u tikkundanna lill-konvenuti, *in solidum* bejniethom, jew min minnhom, sabiex iħallsu lill-atturi l-ammont ta' tmenin elf ewro (€80,000) bl-imgħax legali mill-10 ta' Ġunju, 2014.

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' Norbert u Elizabeth konjuġi Bajada li permezz tagħha eċċepew illi :

1. Huwa għal kollox inveritier li Michael Brincat, li miet fis-17 ta' Jannar 2015, silef xi ammont ta' flus lill-konjuġi Bajada;

2. Ir-rikorrenti dan jafuħ u qegħdin biss jivvintaw li effettivament sar is-self imsemmi;

3. Ir-rikorrenti jridu mhux sempliċiment jippruvaw li għaddew xi flus bejn Michael Brincat u l-esponenti iżda li dan kien self u li għalhekk kien intiż biss li jiġi mrodd lura mill-esponenti lill-istess Michael Brincat u dan taħt liema kundizzjonijiet;

4. L-esponenti jistgħu jipprovdu diversi provi u raġunijiet li permezz tagħhom il-Qorti tkun mhux biss konvinta mit-teżi tal-esponenti iżda li jitfgħu dawl ċar fuq it-teżi vvintata mir-rikorrenti;

Permezz ta' din il-kawża l-atturi, aħwa u werrieta ta' Mikiel Brincat, li miet intestat fis-17 ta' Jannar 2015, qegħdin jitolbu rifużjoni tas-somma ta' €80,000 li

għadda lill-konvenut permezz ta' ċekk tal-10 ta' Ġunju 2014. Skont il-konvenut, Mikiel taħ din is-somma b'titlu ta' donazzjoni. Mikiel kien midħla sewwa tal-konvenut u ta' missieru u kien dejjem il-garaxx fejn il-konvenut kien jaħdem ta' mekkanik. Taħ ċ-ċekk biex jgħinnu jixtri garaxx ġdid fejn seta' jaħdem aħjar; il-bqija l-konvenut ħadhom permezz ta' self mill-Bank. Għall-bidu ma ddepożitax iċ-ċekk, u Mikiel tlewwem miegħu u nsista li jeħodhom. Isostni li ried jagħtih €30,000 lura għaliex m'użahomx kollha iżda Mikiel irrifjuta u qallu li dawk tiegħu. Skont Geraldu, wieħed minn ħut Mikiel, li kien jara lil ħuh kuljum, Mikiel kien qallu li l-konvenut riedu jsellfu €80,000.[1] Ikkontro-eżaminat, ikkonferma din l-istqarrija.[2]

Min-naħa l-oħra, l-atturi jagħtu verżjoni differenti. Xehedu li meta uħud mill-aħwa marru jikkonfrontaw lill-konvenut fil-garaxx tiegħu, jgħidu li qalilhom li l-ammont li taħ Mikiel kien b'self u li kien offrielu li jagtih €30,000 lura iżda Mikiel insista li jitħallas kollox f'daqqa.

Ikkunsidrat:

[1] Fol 67
[2] Fol 210.

Il-flus ma ġewx trasferiti b'att pubbliku.

Il-ħtieġa li donazzjoni ssir b'att pubbliku tmur lura għall-ordinanzi Franċiżi tal-1539 u 1549, sabiex jitneħħa kull dubju dwar jekk tkunx tabilħaqq saret id-donazzjoni, u sabiex id-donant ma jkunx jista' japprofitta ruħu mill-inċertezza biex jieħu lura l-ħaġa li jkun ta', b'kuntradizzjoni għar-regola *donner et retenir ne vaut.* Il-ħtieġa ta' din il-formalita` ġiet milqugħa fl-ordinanza tal-1731 u fl-Artiklu 931 tal-Kodiċi Ċivili Franċiż u minn hemm fil-kodiċijiet ta' diversi Stati Taljani mbagħad fil-Kodiċi Ċivili tal-Italja magħquda. Ġuristi iktar riċenti jiġġustifikaw formalita` tal-att pubbliku bil-ħtieġa li tiġi aċċertata r-rieda tad-donant.[3] Hekk ukoll qalu dawn il-Qrati: "il-liġi… dan m'għamlitux b'kapriċċ iżda biex telimina kull dubju u dissidji fuq in-natura ġuridika tal-ftehim li jkun sar".[4]

In-nies kollha li jagħtu donazzjonijiet ta' valur żgħir lanqas jidħilhom ġo moħħhom li jridu jmorru għand nutar – bħala meta wieħed jagħti l-elemożina lil xi ħadd fqir, rigal meta xi ħadd jagħlaq sninu, rigal tat-tieġ, rigali tal-Milied. Imma din il-kondotta hija waħda ġuridika skont il-kodiċi Franċiż? Id-dottrina u l-ġurisprudenza Franċiża twieġeb fl-affermattiv. Skont D'Aguessaeu, awtur tal-ordinanza tal-1731, m'hemm bżonn l-ebda liġi biex tirregola donazzjoni ta' valur

[3] Demolombe, XX, 8, Relazzjoni ta' Pisanelli għall-abbozz tal-kodiċi ċivili Taljan.
[4] Claire Galea v. Dr. Renald Blundell 20.02.2008 Qorti tal-Appell (Inferjuri); Rosina Gauci v. Antonia Borg 04.02.1965 per Imħ. M. Caruana Curran.

żgħir permezz tal-kunsinna ta' mobbli jew ta' somma żgħira ta' flus. Iktar tard, Jaubert, relatur tat-tribunat, waqt id-dibattitu dwar l-abbozz tal-kodiċi ċivili Franċiż, kien iktar formalistiku. Qal li l-liġi titkellem dwar *att ta' donazzjoni*. Ma tkoprix donazzjonijiet manwali, għaliex dawn m'huma suxxettibbli għal ebda forma, ħlief għall-kunsinna.

Fl-Italja, id-Dukat ta' Modena u Reggio (Stat Estense) fil-kodiċi tiegħu (Art. 1862) eżenta espressament mill-att pubbliku donazzjonijiet sa 100 lira. Pisanelli, fil-proġett tiegħu għall-kodiċi ċivili tal-Italja, issuġġerixxa s-somma ta' 500 lira iżda sab l-oppożizzjoni ta' Mancini waqt id-diskussjoni fil-kamra tad-deputati. Eventwalment ġie deċiż li ma jissemmiex valur massimu fiss għaliex kollox jiddependi miċ-ċirkostanzi u għalhekk ikun aħjar li d-determinazzjoni ta' valur titħalla f'idejn il-ġurisprudenza.

Adrian Dingli fil-kummenti tiegħu għall-Art. 1512 tal-Ordinanza, jagħmel riferenza għal diversi kodiċijiet. Jgħid ukoll li skont id-Dritt Ruman id-donazzjonijiet setgħu kienu verbali iżda meta jeċċedu 500 soldi kellhom jiġu insinwati fl-uffiċċju taċ-ċensur jew fl-atti ta' mħallef. Kienu iżda eżenti mill-insinwa ċerti donazzjonijiet għal skopijiet piji. Jgħid ukoll li l-Kodiċi de Rohan "rendeva necessaria la scrittura per la insinua che si richiede in tutto le donazioni in quanto al pregiudizio del terzo".

Artiklu 1752 tal-Kap 16 għadu fl-istat kif abbozzah Dingli. "(1) Id-donazzjoni hija nulla jekk ma ssir b'att pubbliku" iżda dan ma jgħoddx "(a) għal rigali, li jingħataw minn id għal id, ta' flus jew ta' ħwejjeġ mobbli korporali oħra, jew ta' titoli għall-portatur, jekk is-somma jew il-valur tagħhom ikun żgħir, meta jitqiesu l-kondizzjoni tal-persuni u ċirkostanzi oħra".

Artiklu 782 tal-Kodiċi Ċivili Taljan tal-1942 jesiġi l-att pubbliku taħt piena ta' nullita`. Imbagħad l-Artiklu 783 jgħid hekk: "La donazione di modico valore che ha per oggetto beni mobili e valida anche se manca l'atto pubblico, purche` vi sia stata la tradizione. La modicita` deve essere valutata anche in rapporto alle condizioni economiche del donante".

Skont sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana (C 01/7913) "la modicita` della donazione va accertata alla stregua di due criteri: quello oggettivo, correlato al valore del bene, e quello soggettivo, per il quale si tiene conto delle condizioni economiche del donante; ne segue che l'atto di liberalita`, per essere considerate di modico valore, non deve mai incidere in modo apprezzabile sul patrimonio del donante".

"Non basterebbe l'emissione di un cheque per una somma di non modico valore per trasferire al prenditore con titolo di donazione la proprieta della somma di

denaro rappresentata dal cheque, poiche la legge richiede la forma dello atto pubblico anche per la donazione avente per oggetto denaro".[5]

Min jallega d-donazzjoni għandu l-obbligu li jippruvaha… Sabiex ikun hemm dikjarazzjoni ġudizzjarja li seħħet donazzjoni jrid ikun hemm provi ċari.[6] Skont id-Dritt Ruman, *in dubio autem donatio non praesumitur.*

Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa li provi biex tara għandhiex issostni l-verżjoni l-waħda ta' sempliċi self, kif propunjata mill-atturi, jew il-verżjoni propulsa mill-konvenuti li si tratta ta' donazzjoni. Tistqarr li jeżistu ċirkostanzi wisq ekwivoċi biex minnhom il-Qorti tista' tinduċi l-grad ta' konvinzjoni morali li saret donazzjoni effettiva. Kif ġja ngħad, il-piż tal-prova li l-flus ingħataw b'donazzjoni jaqa' fuq spallejn il-konvenuti.

In-nullita` kkontemplata fl-Art.1753(1) hija ta' karattru assolut fis-sens li tista' tiġi nvokata mill-istess donanti anki jekk dan l-aħħar imsemmi jkun esegwixxa jew ikkonferma volontarjament id-donazzjoni.[7] Għalhekk l-atturi, minkejja li huma l-werrieta universali tad-donant, u allura jidħlu fiż-żarbun tiegħu, xorta

[55] Avv. Dr. Filippo Nicolo Buttigieg v Giovanni Cassar 18.03.1921 Appell Ċivili.
[6] XXXII.ii.472.
[7] Carmela Pace v. Rosaria Caruana 17.10.1949 Prim'Awla XXXIII.ii.416.

waħda jistgħu jimpunjaw donazzjoni li seta' għamel mingħajr il-formalita` rikjesta mil-liġi.

Is-somma ta' €80,000 ċertament ma tistax titqies bħala valur żgħir, la oġġettivament u lanqas soġġettivament. Għalhekk jekk kienet tassew mogħtija b'donazzjoni, kellha ssir b'att pubbliku, u allura ma tiswiex.

L-eċċezzjonijiet tal-konvenuti għalhekk ifallu fuq żewġ binarji; l-ewwel għaliex ma ppruvawx li tassew il-flus ingħataw b'donazzjoni u t-tieni għaliex anke kieku tabilħaqq kienu ngħataw b'donazzjoni, din ma kinitx tiswa' għax nieqsa mill-formalitajiet rikjesti mil-liġi.

***Decide***

Għal dawn il-motivi, l-Qorti:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-konvenuti huma debituri tal-atturi fis-somma ta' €80,000 ammont misluf lill-konvenut Norbert Bajada fl-10 ta' Ġunju 2014.

2. Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-konvenuti jħallsuhom l-ammont hekk likwidat, bl-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza sal-eventwali ħlas effettiv.

Spejjeż inklużi dawk tal-ittra ġudizzjarji tad-9 t'Awwissu 2016 u tas-6 ta' Novembru 2018 u l-ittra legali tat-12 ta' Marzu 2020 a kariku tal-konvenuti.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA